**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 167/01**

**Fogg Insurance Agencies Ltd ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera assikuratrici Norwich Union International Insurance Limited u dawn kif surrogati fid-drittijiet tal- assikurat taghhom Gino Chetcuti sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Gino Chetcuti.**

**Vs**

**Joseph u Joanne konjugi Scicluna**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm385.49c) ammont lilhom imhallas indebitament biex jaghmlu xoghol ta' panel beating, spray painting u xiri u tibdil ta' parts fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni CVC 015, liema ammont thallas lill-konvenut mis-socjeta' assikuratrici attrici pero' huwa baqa qatt m'ghamel xogholijiet fuq l-istess vettura.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm385.49c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Marzu 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg